**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2019.**

**Rikors nru: 304/2019 AGV**

**ABC ( ID nru: 473488 M )**
**Vs**
**DE (ID nru: 62250A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **ABC ( ID nru: 473488 M)** fejn ippermettiet u talbet is-segwenti;

1. Illi hi zzewwget nhar il- 15 ta' Jannar 2011, gewwa ir-registru taz-zwieg Belt Valletta liema zwieg gie rregistrat fir-registru pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 2267/2010, certifikat hawn anness u mmarkata bhala Dok A;
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-seperazzjoni personali ta' kuntratt ta' separazzjoni personali

ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni fit- 28 ta' Mejju 2019, kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat Dok B;

3. Illi ghalkemm huma issperaraw bil-kuntratt fit- 28 ta' Mejju 2019, de facto huma ghexu separati mis-sena 2012;
4. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni stante rinunjza tal-partijiet;
5. Illi bejn il-partijiet, ma hemmx tfal;
6. Illi llum il-gurnata, ma hemm l-enda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
7. Illi ghalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti, joghgobha,

1. Tiddikjara iz-zwieg odjern mahlul u sussegwentament, tippronunznja li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-Ligi.
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju, u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li fis-seduta tat-Tnejn 28 ta' Ottubru, l-intimat deher u ddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghal tali talba ghad-divorzju.

Rat li r-rikorrenti ikkonfermat ir-rikors taghha bil-gurament.

Rat li l-partijiet talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**